Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 289/2014

**Paul Bonnici & Son Ltd (appellata)**

**Vs**

**Aphrodite Ltd (appellanti) u Andrew Pace (appellat)**

20 ta' Jannar, 2017.

1. B'sentenza tat-12 ta' Novembru, 2014 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €3,351.72, prezz ghall-bejh u konsenja ta' merkanzija ghal Salvino's Restaurant, Triq l-Arcisqof, bil-Belt, Valletta. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"It-Tribunal sema lix-xhud Francis Sullivan in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta. Xehed u spjega illi l-konvenut Andrew Pace kien impjegat mieghu bhala chef. Kienu Ftehmu wkoll illi minbarra s-salarju ta' chef kellu jircievi wkoll 25% tal-bejgh tal-hanut. Il-ftehim kien illi Andrew Pace kellu jmexxi l-hanut u ntuza l-kliem "Hawn halli kollox f'ideja."*

*Minkejja dan is-socjeta' konvenuta Aphrodite kienet taf li qed ikollha l-kontijiet ma Paul Bonnici and Son Ltd u dan ghar-raguni li diga kien hemm kontijiet ohra pendenti ma' Paolo Bonnici Ltd.*

*Ix-xhud Paul Bonnici rapprezentant tas-socjeta' attrici xehed u spjega illi kien diga tkellem ma' Francis Sullivan li kien infurmah li kien ser ihallsu. Jigifieri tratti bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' attrici kien hemm. U dan anke qabel ihalas il-kont mitlub f'din il-kawza u cioe' meta kien ghad hemm il-kont pendenti mal-Kumpanija Paolo Bonnici Limited.*

*Il-kumpanija attrici f'dan il-kaz ma nghatatx l-impressjoni illi Andrew Pace kien qed jagixxi fismu personali anzi kienet taf illi s-sid tar-restaurant Salvino's kienet Aphrodite Ltd.*

*It-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma li s-socjeta' konvenuta Aphrodite Ltd kienet taf bid-dejn li ghamel Andrew Pace u ma hadet ebda azzjoni biex tikkontrolla lill-impjegat taghha".*

2. Is-socjeta konvenuta appellat mis-sentenza. Fil-qosor l-aggravji huma:

- Andrew Pace huwa responsabbli ghal hlas tad-dejn li ghamel ghaliex kellu mandat speċjali mid-direttur tas-socjeta konvenuta *ai termini* tal-artiklu 53 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13) li ma kienx jippermettilu jixtri l-affarijiet bi kreditu oltre dak speċifikat lilu u li mar kontra d-dispozizzjonijiet tal-artiklu 54 tal-Kap. 13 għaliex ta informazzjoni falza lil Francis Sullivan meta tah x'jifhem li huwa kien is-sid ta' Salvino's restaurant. Dan l-egħmil qarrieq u mhux ta' *pride* da parti ta' Andrew Pace għandu jwassal biex huwa jkun responsabbli għad-dejn u mhux is-socjetà kjamata fil-kawza;

- It-tieni aggravju hu li l-konvenut naqas milli jressaq provi. Dan il-fatt kellu jwassal lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici u mhux is-socjeta konvenuta.
- Andrew Pace kien jiehu l-qligh kollu tar-restaurant u kien juza l-merkanzija ghal private functions li gewwa r-restaurant fejn ma kienx jiccargja lill-klijent. Aphrodite ma kinitx qeghda taghmel qliegh. Dan apparti li Andrew Pace ma kienx semplici mpjegat in kwantu kellu 25% tal-qliegh min-negozju. L-appellanti u Pace kienu shab fin-negozju, u ghalhekk messu nstab responsabbli ghax-xoghol li gie mixtri minnu u ffatturat lir-restaurant Salvino's.
- Ir-raba' aggravju hu li l-konvenut kien accetta li jhallas cirka €5,000 ghal xoghol li kien gie ffatturat lis-socjeta konvenuta, izda li kien ghal skopijiet personali tieghu. In sostenn ta' dan l-attrici pprezentat ukoll email in konferma ta' dank if ukoll statement ta' Cassar and Schembri (Marketing) Ltd. Ghalkemm Pace ammetta li x-xoghol kien ghalih personali, dan kien biss wara certu zmien li rrizenja minn Salvino's.
- Il-hames aggravju huwa li t-tribunal ma mexiex skont il-prinċipju ta' ekwità.
- Is-sitt aggravju huwa li l-fatturi kienu johorgu fuq isem Salvino's Restaurant u mhux f'isem is-socjeta konvenuta. In-numru tal-mobile fuq il-fatturi huwa n-numru personali ta' Andrew Pace, li qatt ma gibed l-attenzjoni tal-attrici li l-fatturi kellhom jigu ndirizzati lis-socjeta konvenuta. Il-konvenut qatt ma qal lis-socjeta attrici sabiex tirranga l-fatturi, tant li matul is-snin il-fatturi baqghu l-istess. L-ordnijiet saru mill-konvenut u kien hu li ffirma l-fatturi.

3. Is-socjeta appellata wiegbet, filwaqt li l-appellat ma wegibx.

**<u>Fatti.</u>**

i. Is-socjeta Aphrodite Ltd ghandha r-restaurant Salvino's.
ii. Ir-restaurant kien imexxieh il-konvenut, li kien impjegat tas-socjeta konvenuta.
iii. L-attrici kkonsenjat merkanzija gewwa r-restaurant. Dan kien matul il-perjodu 5 ta' April 2012 – 29 ta' Ottubru 2012. Fil-maggoranza taghha l-merkanzija kienet tikkonsisti f'inbid u xorb iehor tal-alkohol (ara l-kontijiet fol. 3 sa 21).

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

4. L-appellanti tibbaza l-ewwel aggravju fuq l-artikolu 53 tal-Kodici tal-Kummerc li jipprovdi:

> *"53. Bla hsara ta' kull uzu jew patt kuntrarju, **fis-setgha ghax-xiri ma titqiesx li tidhol is-setgha ghax-xiri bid-dejn**, u fis-setgha ghall-bejgh ma titqiesx li tidhol is-setgha ghall-bejgh bil-kreditu".*

Mill-atti ma jirrizultax li quddiem it-Tribunal saret xi riferenza ghal din id-disposizzjoni. Dan apparti li fl-ebda wahda mill-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta[1] ma jinghad li l-konvenut Andrew Pace ecceda l-awtorita li nghata fil-gestjoni tan-negozju tas-socjeta konvenuta. Din hi qorti ta' revizjoni u ghalhekk m'ghandux ikun li fl-istadju tal-appell l-appellant jinqeda bir-rikors tal-appell biex izerzaq eccezzjonijiet godda li messhom inghataw fil-prim'istanza.

F'kull kaz, Francis Sullivan xehed:

*"… dwar ix-xorb kellu jhallas bl-ircevuta b'lura jigifieri jordna llum u…. fl-ordni ta' wara meta jigi x-xoghol ihallas l-ordni li kien ghamel id-darba ta' qabel"* (fol. 38).

Jekk il-qorti kellha tistrieh fuq din il-verzjoni, pjuttost jirrizulta li Pace kien awtorizzat li jixtri xorb bid-dejn. L-uniku kundizzjoni li kien hemm kienet dwar meta kellu jithallas dak id-dejn. Qed jissemma dak li qal Sullivan dwar ix-xorb minhabba li mill-kontijiet jirrizulta li l-hlas li qieghed jintalab f'din il-kawza tista' tghid hu kollu ghax-xiri ta' alkohol, l-iktar inbid.

5. Mid-deposizzjoni ta' Francis Sullivan hu evidenti li kien jaf li l-konvenut kien qieghed jixtri merkanzija minghand is-socjeta attrici. Qal ukoll li kien gharrafha, *"…. Biex ma tibqax taghti bid-dejn lil Salvinos Restaurant"*. Pero' ezatt wara qal: *"Anzi jispjega wkoll li mhuwiex cert jekk kienx cempel lil Paul Bonnici and Sons biex iwaqqaf milli jaghti bid-dejn lil Salvinos Restaurant"*. Fil-fatt m'hemmx prova li l-attrici kienet giet infurmata sabiex ma tbieghx merkanzija *on credit*.

6. Hu minnu li l-konvenut Pace ma ressaqx provi. B'daqshekk ma jfisser xejn. Pace ma kellu l-ebda obbligu li jipprova li mhuwiex il-legittimu kontradittur. Semmai kienet is-socjeta attrici li kellha tressaq provi li Pace hu legittimu kontradittur. Mhuwiex veru li Pace ma kkontestax t-talba tas-socjeta attrici. Fil-fatt ipprezenta twegiba fejn iddikjara:

   *"1. Illi l-esponenti mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li hu kien biss impjegat tas-socjeta Aphrodite Limited (C37308) li da parti taghha kienet tiggestixxi r-restaurant Salvino's dejjem agixxa f'isem l-istess socjeta.*

   *2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt"*.

   It-twegiba hi l-kontestazzjoni. Ghaldaqstant, it-tieni eccezzjoni hi michuda.

[1] L-eccezzjonijiet huma li: 1) is-socjeta konvenuta mhijiex il-legittimu kontradittur; 2) jekk hemm xi ammont dovut dan hu dovut minn Andrew Pace; 3) L-attrici trid tipprova kull ammont li qeghda tippretendi l-hlas tieghu (fol. 25).

7. Mill-provi hu evidenti li Pace kien impjegat u xejn iktar. Il-fatt li kien intitolat li jircievi 25% tal-bejgh tal-hanut, ma jfissirx li kellu sehem fin-negozju. Francis Sullivan xehed: *"Aphrodite Limited hija s-sid tar-Restaurant Salvino's"*, u *"… jiena nerga' ntenni illi d-day to day running tal-hanut kien qed jigi iggestit…. kien qed jiehu hisebu Andrew Pace u dan fil-vesti tieghu bhala mpjegat"*. Sullivan qatt ma qal li n-negozju kien tas-socjeta konvenuta u ta' Pace.

8. Fir-raba' aggravju l-appellanti qalet li kien gie ppruvat li diga' kien hemm kaz fejn l-istess Andrew Pace kien accetta li jhallas cirka €5,000 ghal xoghol li kien gie fatturat lis-socjeta appellanti. Pero dik m'hijiex prova li l-merkanzija oggett tal-kawza nxtrat ghall-uzu personali ta' Pace.

9. L-aggravji tal-appellanti huma kollha relatati mal-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal. Fil-hames aggravju l-appellanti argumentat li x-xhud Francis Sullivan kien xhud genwin filwaqt li Andrew Pace naqas milli jressaq provi li jikkontradicu dak li xehed Sullivan. Hu f'dan l-aggravju li l-appellanti nvokat l-ekwita (artikolu 7 tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar). Pero' l-ekwita' m'ghandha x'taqsam xejn mal-apprezzament tal-provi jew ma' min ressaq provi u min ma ressaqx. Ghaldaqstant, dan l-aggravju hu michud ukoll.

10. Hu veru li l-kontijiet kienu ndirizzati lil Salvino's Restaurant u li isem is-socjeta konvenuta mhuwiex stampat. Pero' din mhijiex xi prova krucjali ghall-ezitu tal-kawza. Mill-kontijiet hu evidenti li l-ordnijiet saru ghar-restaurant, li hu tas-socjeta konvenuta. Hu veru li Andrew Pace qatt ma xehed. Mhuwiex kontestat li l-konsenji saru fir-restaurant. Hu logiku wkoll li n-numru tal-mobile fuq il-kontijiet ikun ta' Andrew Pace, gialadarba kien hu li qieghed jiggestixxi r-restaurant ghan-nom tas-socjeta konvenuta. Francis Sullivan stess xehed li fir-restaurant kien imur **biss** sabiex jiekol. M'hemmx prova li fir-restaurant kien hemm xi persuna ohra li tirraprezenta lis-socjeta konvenuta. L-appellanti ssostni wkoll li t-Tribunal kellu japplika l-istess ragunament li sar fis-sentenza **John Farrugia nomine vs Andrew Pace et**, tat-12 ta' Novembru 2014. Kif sewwa qalet l-appellata, dak kien kaz iehor bil-fatti tieghu. Fl-ebda stadju tal-gbir tal-provi ma saret riferenza ghall-provi li ngabru f'dik il-kawza. Din il-qorti tqies li mhuwiex rilevanti dak li seta' ntqal f'sentenza ohra dwar meritu li m'ghandu l-ebda konnessjoni mal-kawza tal-lum. It-Tribunal kellu jiddeciedi a bazi tal-provi li tressqu f'dan il-kaz, u mhux ta' provi li tressqu f'kawza ohra li m'ghandha l-ebda konnessjoni ma' din il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.